

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) [Kumpilazzjoni Tax-xhieda \(riformulazzjoni\)](#) > [Bulgaria](#)

Kumpilazzjoni tax-xhieda (riformulazzjoni)

Bulgarija



Bulgarija

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

L-Artikolu 2(1) - Awtoritajiet li jistgħu jitqiesu bħala qrati

Il-Qrati.

L-Artikolu 3(2) - Qrati rikjesti

It-talbiet għall-kumpilazzjoni tax-xhieda għandhom jintbagħtu lill-qorti distrettwali (*rayonen sad*) li fil-ġurisdizzjoni tagħha għandha ssir il-kumpilazzjoni tax-xhieda.

L-Artikolu 4 - Korp ċentrali

Il-Ministeru għall-Ġustizzja

Id-Direttorat għall-Kooperazzjoni Legali u l-Affarijiet Ewropej

It-Taqsima tal-Kooperazzjoni Internazzjonali f'Materji Ċivili

Tel.: +359 2 9237 413

+359 2 9237 544

+359 2 9237 576

Fax: +3592 9809223

Email: civil@justice.government.bg

Indirizz: ul. Slavyanska No 1

1040 Sofia

Bulgaria

L-Artikolu 6 - Lingwi aċċettati biex jimtlew il-formoli

It-talbiet minn Stat Membru ieħor għall-kompilazzjoni tax-xhieda u t-teħid ta' dikjarazzjonijiet għandhom ikunu miktuba bil-Bulgaru.

L-Artikolu 7 - Mezzi aċċettati għat-trażmissjoni ta' talbiet u komunikazzjonijiet oħra

Il-qradi distrettwali jaċċettaw talbiet għall-kompilazzjoni tax-xhieda u komunikazzjonijiet oħrajn li jaslu bil-posta.

L-Artikolu 19 - Korp ċentrali jew awtorità/awtoritajiet kompetenti responsabbli għal deċiżjonijiet dwar talbiet għal kompilazzjoni ta' xhieda diretta

L-awtorità kompetenti biex tawtorizza l-kompilazzjoni diretta tax-xhieda fir-Repubblika tal-Bulgarija, u biex tipprovdi assistenza Prattika f'dak il-proċess, hija l-qorti provinċjali (*okrazhen sad*) li l-kompilazzjoni tax-xhieda għandha ssir fil-ġurisdizzjoni tagħha.

L-Artikolu 29 - Ftehimiet jew arranġamenti li għalihom l-Istati Membri huma partijiet u li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet fl-Artikolu 29(2)

Ir-Repubblika tal-Bulgarija ma timplimenta u ma kkonkludiet ebda ftehim jew arranġament internazzjonali ma' Stati Membri oħrajn tal-UE li għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-kompilazzjoni tax-xhieda.

Ir-Regolament jieħu preċedenza fuq ftehimiet konklużi mir-Repubblika tal-Bulgarija ma' Stati Membri oħrajn fir-rigward tal-kompilazzjoni tax-xhieda f'materji ċivili u kummerċjali.

L-Artikolu 31(4) - Notifika dwar l-użu bikri tas-sistema tal-IT deċentralizzata

Sal-lum, il-Bulgarija ma għandhiex il-ħsieb li tuża l-possibbiltà tat-tħaddim bikri tas-sistema deċentralizzata tal-IT.

■ L-aħħar aġġornament: 28/10/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.